**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 28 ta' Frar, 2024**

Numru 32

**Appell Nru. 78/2023**

**MCP Company Limited**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' MCP Company Limited tat-13 ta' Novembru 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-24 ta' Ottubru 2023 li biha cahad l-appell tal-applikant kontra l-impozizzjoni tal-ewwel kondizzjoni fil-permess PA1977/15 'It is proposed to construct unbuilt section of car park at all levels and include landscaping and kiosk class 4C at roof level; administration offices class 4A and shops class 4B in the basement. It is also proposed to construct a pedestrian walkway linking the proposed landscaped roof level to the pubic garden';

Rat ir-risposta tal-Awtorita tal-Ippjanar li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan huwa appell kontra l-impozizzjoni tal-ewwel kundizzjoni fil-permess ta' l-izvilupp PA 1977/15 li tirrigwarda "*Comparative air quality studies of the current situation (within the next six months) and the situation of one year from commencement of operations of the additional parking spaces being permitted, on a terms of reference to be prepared by the Environment Protection Directorate, shall be presented to MEPA within 18 months from commencement of operations of the additional parking spaces being permitted*." Is-sit *de quo* jikkonsisti flMCP *Car Park* fil-lokalita' tal-Furjana li huwa mdawwar b'erba' toroq, *ossia* Triq l-Assedju lKbir, Vjal ir-Re Dwardu VII, Triq Sant'Anna u Vjal Nelson.

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellanti qed iressqu s-segwenti aggravji kontra limpozizzjoni ta' din il-kundizzjoni:
1.Illi skont l-Avviz Legali 478 tal-2010 li traspona d-Direttiva 2008/50/EC tal-ParlamentEwopej u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 huwa l-obbligu tal-Awtorita' bhala rapprezentant tal-iStat li twettaq u zzomm stharrig dwar il-kwalita' ta' l-arja u dan l-obbligu m'ghandux jig impost fuq individwi jew kumpaniji privati.
2.Illi t-*Terms of Reference* mahruga mill-Awtorita' fit-23 t'Ottubru tal-2015 injoraw kwitsjonijiet fattwali li jirrelataw mal-applikazzjoni ta' l-izvilupp u z-zona tal-madwar, u dan ghaliex l-izvilupp odjern m'huwiex ser izid fin-numru ta' karozzi izda l-immanniggjar ahjar tas-sitwazzjoni ezistenti. Ghalhekk, l-izvilupp m'huwiex ser izid l-effett fuq il-kwalita' ta' larja izda jtejjeb dan tenut li l-vizitaturi jkunu jistghu isibu spazju ghall-parkegg b'mod immedjat. Oltre dan, il-proposta tinkludi xoghol ta' *landscaping* konsiderevoli fil-parti ta' fuq il-*car park* u dan ghandu jservi sabiex itejjeb emmissjonijiet tas-CO2. Barra minn hekk, issorsi varji ta' tniggis ta' l-arja fil-vicinanzi tas-sit ser irendu kwalunkwe studju inaffidabbli.
3.Illi sorsi serji ta' tniggis ta' l-arja fiz-zona ta' l-izvilupp, u identifikati ghal stharrig talkwalita' ta' l-arja, gew ezentati minn dan l-istudju, u dawn jinkludu *car parks* bhal dak talpitch tal-Furjana u l-*cruise liner terminals* fejn numru ta' *cruise liners* jippumpjaw kontinwament tniggis fl-arja.

Illi fir-risposta taghha ghal dan l-appell, l-Awtorita' tal-Ippjanar baqghet ferma maddecizjoni taghha u fil-konfront tal-ewwel aggravju tinnota li l-Avviz Legali 478/2010 ma jispecifikax li l-Awtorita' nnifisha, fil-kuntest ta' applikazzjoni ghall-izvilupp, hija obbligata li twettaq *surveys* dwar il-kwalita' ta' l-arja. Illi r-responsabilita' tal-Awtorita' li tevalwa lkwalita' tal-arja, tassigura l-esattezza tal-kejl, taghmel analizi ta' metodi ta' valutazzjoni, u tikkoordina programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalita' mal-komunita' kollha organizzati millKummissjoni Ewropea. Jinghad li fl-ezercizzju ta' dawn l-obbligi generali, l-Awtorita' ghandha d-diskrezzjoni li tiehu l-mizuri necessarji sabiex tassigura li ebda persuna ma tikkawza hsara jew detriment ghall-kwalita' tal-arja. B'referenza ghat-tieni aggravju, lAwtorita' tinnota li l-informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni tat-traffiku hija estratta mit-TIS li wettqu l-konsulenti f'isem l-appellant u li

jinsab f'dokument 67. Jinghad li d-Dirtettorat ghallProtezzjoni Ambjentali kkomferma li hija procedura stabbilita li kwalunkwe progett li jwassal ghal zieda fil-fluss tat-traffiku ta' 1000 AADT jew izjed, l-applikant huwa rikjest li jissottometti studju dwar il-kwalita' tal-arja, u fejn f'dan il-kaz id-data turi AADT ta' 1859. B'risposta ghat-tielet aggravju, l-Awtorita' tinnota li hi ma harget ebda permessi li jirrelataw mal-uzu tal-*football pitch* bhala parkegg u ghalhekk l-Awtorita' ma setghetx timponi kundizzjoni simili. Oltre dan, l-Awtorita' tinnota li l-permess ghall-*cruise liner terminal* inghata f'Mejju tal-2004 filwaqt li l-Avviz Legali nnutat mill-appellanti inhareg fl-2010 wara d-direttiva tal-Parlament u l-Kunsill Ewropej fl-2008 u ghalhekk l-Awtorita' ma kellhiex listess obbligi fiz-zmien li kien inhareg dan il-permess.

Illi b'risposta ghal dan l-appell, l-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi tinnota li hija procedura stabbilita li kwalunkwe progett li jwassal ghal zieda fil-fluss ta' traffiku ta' 1000 AADT jew izjed, bhal fil-kaz odjern, huwa rikjest li jissottometti studju dwar il-kwalita' tal-arja qabel tinghata d-decizjoni, liema informazzjoni giet estratta mit-TIS li twettaq mill-konsulenti f'isem l-applikant. L-ERA taghmel referenza ghal Regolament 19 tal-Ligi Sussidjarja 504.10 li jippermetti lill-Awtorita' li tiehu kwalunkwe azzjoni necessarja sabiex il-valur ta' limitu ghal PM10 u NO2 ma jinqabizx. Illi s-snin ta' monitoragg juru li gia tezisti kwistjoni talkwalita' ta' l-arja fiz-zona u ghalhekk l-Awtorita' ezercitat id-dritt taghha taht Regolament 19 u talbet ghal studju dwar il-kwalita' ta' l-arja sabiex jigi assigurat li z-zieda fil-parkegg ma jkollux impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-kwalita' ta' l-arja. L-ERA tkompli tinnota li Regolament 29 tal-LS.504.100 taghti l-Awtorita' s-setgha li tohrog dokumenti gwida fuq ilkonduzzjoni ta' tali studji. L-ERA tinnota li l-Awtorita' ghandha l-obbligu li taghmel monitoragg kif diga taghmel permezz ta' l-operat ta' *network* fiss. Madanakollu, l-Awtorita' ghandha l-obbligu wkoll li tassigura li l-valuri ta' limitu kif stabbilit fi skeda 7 tal-LS 504.100 huma mharsa u dan jista' jigi accertat biss b'monitoragg fuq is-sit. Jinghad li bhal fil-kaz ta' applikazzjonijiet tal-EIAs dan il-monitoragg isir bi spejjez ghall-izviluppatur.

Illi fil-mori tal-appell gie sottomess affidavit redatt mis-Sur Mark Scerri fil-kapacita' tieghu ta' *Senior Environment Protection Officer* mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u r-Rizorsi fejn jispjega li, dak iz-zmien, l-EPD (illum ERA), talbet lill-applikant jikkwantifika z-zieda li kien ser ikun hemm fit-traffiku bil-progett propost, u b'risposta ghal dan, l-EPD kien inghata studju dwar l-impatt tat-traffiku ikkummissjonat mill-applikant. Huwa jispjega li t-treshold ta' 1000 AADT (*annual averaged daily traffic*) kien qed jinqabez bil-progett, liema threshold jintuza bhala filtru sabiex jigu sseparati l-progetti li jaf ikollhom effett sinifikattiv fuq lambjent u dawk li huma izghar. Jinghad li l-kundizzjoni saret b'tali mod li l-permess ma jkunx operattiv qabel ma jsur l-istudju relatat mal-kwalita' tal-arja b'dana li skont dak li juri l-istudju l-applikant jista' jigi mgieghel jaghmel xi modifiki sabiex jaqsam it-traffiku li jkun dirett lejn is-sit. Is-Sur Scerri jkompli jispjega li l-istudju ghall-kwalita' tal-arja ma jittrattax is-suggett tal-kwalita' tal-arja fil-prezent, izda jitlob lill-izviluppatur ibassar l-effetti talprogett tieghu u huwa mpossibbli li l-ERA jkejlu l-kwalita' ta' l-arja assolutament kullimkien. Rigward il-monitoragg, id-Direttiva tal-kwalita' tal-arja EC2008/50/KE titlob li jsir monitoragg f'siti li jkunu raprezentattivi ta' ambjenti differenti bhal traffiku, industrija, rurali, skont kriterji definiti li jvarjaw minn stat membru ghal iehor. Illi Triq Sant'Anna hija kkaratterizzata minn bini gholi fuq iz-zewg nahat tat-triq li jillimitaw ic-cirkulazzjoni ta' larja. Hu jirrileva ulterjorment li l-pretensjoni li l-istudju li minnhom ikunu ser jibbenefikaw terzi jsiru a spejjez ta' l-ERA tmur kontra l-principju fundamentali fil-ligi ambjental tal*polluter pays*. L-ufficjal tal-ERA jaghmel referenza ghal Regolament 20 tal-LS 549.49 li jobbliga lill-ERA li tiehu kull azzjoni necessarja skont is-setghet moghtija lilha. Jinghad li huwa l-obbligu tal-ERA li sitwazzjoni li hija diga kritika ma tippeggorax ruhha. Inoltre, jinghad li t-TIS qed ibassar zieda fit-traffiku f'zona li diga qed isofri minn livelli oghla ta' tniggiz u jekk tigi milqugha t-talba tar-rikorrenti l-ERA tkun qed tigi mfixkla milli tizgura li leffetti ta' progett li diga nafu li ser izid fit-traffiku f'zona li diga hija esposta ghal-livelli ta' tniggiz li huma d-doppju tal-livelli preskritti mil-ligi, ma jkomplux jippeggoraw.

Illi waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu tal-2017 xehed bil-gurament is-Sur Mark Scerri bhala ufficjal tal-ERA li jiehu hsieb l-*areas ta' ambient air quality* u *noise*. L-ufficjal Scerri jispjega li l-kejl tal-*Passive Refusion Tubes* fi Triq Sant' Anna juru li l-livelli tad-Dossidi tal-Ozzotu huma pjuttost gholjin, u ghalkemm din ma kienetx ir-raguni principali ghall-istudju mitlub, dan jehtieg li jinhareg *air quality plan* li qieghed fil-fazijiet finali fejn it-*target areas* huma mill-Imsida sal-Belt. B'risposta ghall-mistoqsija jekk jaqbilx li z-zieda fl-ispazji ghall-parkegg ha jnaqqas it-tragitt tal-vetturi, is-Sur Scerri jispjega li l-uniku evidenza li ghandu f'idejh hija dik ikkummissjonata mill-izviluppatur fejn qed titbassar zieda ta' 1869 AADT. Hu jispjega wkoll li t-*Terms of Reference* li nhargu mill-Awtorita' jitolbu li ssir analizi tal-impatt talprogett meta jkun operattiv. B'referenza ghall-*Air Quality Sub-Committee* mitlub fl-Avviz Legali, is-Sur Scerri jispjega li dan ghandu jigi kostitwit la darba jkun krejat l-*Air Quality Plan* mill-Ministeru filwaqt li jinnota wkoll li l-livelli ta' tossici ta' Triq Sant' Anna qed jeccedu d-Diossidu tal-Ozzotu minhabba traffiku eccessiv u b'riperkussjonijiet fuq is-sahha. Fir-rigward tal-kundizzjoni li qed tigi appellata, l-ufficjal tal-ERA jispjega li dan l-istudju huwa necessarju sabiex janalizzaw l-impatt tal-progett halli jekk ikun hemm impatt fuq illivelli fosthom tal-PM10 jintalbu li jsiru xi modifikazzjonijiet, liema studju jsir kif jibda jopera l-progett. Is-Sur Scerri ikompli jelabora li l-kundizzjoni twassal sabiex jigi kwantifikat l-effett ta' dan l-izvilupp fuq il-kwalita' ta' l-arja u eventwalment jittiehdu l-passi necessarji ezempju jintalab jinbidel minn fejn jidhlu jew johorgu l-karozzi.

Illi fil-mori tal-appell, l-appellanti ssottomettew kopja tar-rapport intitolat '*Traffic & Air Quality Desktop Study for Potential Traffic Arrangements*' mhejji minn AIS Environment Limited u datat 13 ta' Lulju 2020. Illi dan ir-rapport jipprezenta rizultati ta' *desktop exercise* li sar wara li l-permess odjern talab li jsir studju addizzjonali kif rikjest mill-ERA sabiex tigi evalwata l-possibilita' ghad-devjazzjoni tal-fluss tat-traffiku lil hinn minn Triq Sant'Anna b'numru ta' mizuri. Illi r-rapport jikkonkludi li l-*baseline* (*do-nothing scenario*) juri li nnumru ta' *car park patrons* jilhaq il-quccata fix-xahar ta' Dicembru, filwaqt li traffiku diehel lejn il-car park huwa koncentrat madwar it-tmienja ta' filghodu b'madwar erba' karozzi kull minuta filwaqt li t-traffiku hiereg huwa mifrux bejn nofsinhar u s-sitta u jilhaq il-quccata filhamsa ta' filghaxija b'zewg karozzi kull minuta. Ir-rapport ikompli billi jidentifika seba' mizuri alternattivi li gew studjati u kkomparati max-xenarju tal-*baseline* sabiex jigi evalwat il-potenzjal li jsir titjib fil-kongestjoni tat-traffiku u l-kwalita' ta' l-arja lokali. Illi minn dan listudju gie konkluz li l-alternattivi 4, 6 u 7 huma kunsidrati prattici b'modi effettivi sabiex tittaffa l-kongestjoni tat-traffiku u titjieb il-kwalita' ta' l-arja. Dawn rispettivament jinkludu *landscaping* fil-livell terran, tabelli li jidderigu t-traffiku lejn il-punt ta' hrug fit-Tamuntana u n-Nofsinhar u PW tunnel konvertita f'punt ta' dhul addizzjonali fis-sieghat ta' filghodu (bejn is-7 u d-9) li tikkumplimenta l-SAS entrance.

Illi waqt is-seduta tal-14 ta' Settembru tal-2021, l-appellanti kkonfermaw li d-diskussjonijiet mal-ERA kienu ghadhom ghaddejjin fejn proposti li gew diskussi mal-istess ERA wara lahhar seduta, tnejn minnhom ser jitwettqu sa l-ahhar t'Ottubru 2021 u proposta ohra ghandha titwettaq sa l-ahhar tas-sena 2021.

Illi waqt is-seduta tat-8 ta' Frar tal-2022, l-appellanti nformaw lit-Tribunal li kien ghad hemm xoghol ta' landscaping li ghadu ma tlestiex minn dak li kien miftiehem tul iddiskussjonijiet mal-ERA.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni odjerna u tassottomissjonijiet maghmula mill-Partijiet;

Ikkunsidra;
Illi permezz tal-aggravji mressqa, l-appellanti qed jikkontestaw l-impozizzjoni ta' l-ewwel kundizzjoni fil-permess PA 1977/15 li taqra s-segwenti:

*1. Comparative air quality studies of the current situation (within the next six months) and the situation of one year from commencement of operations of the additional parking spaces being permitted, on a terms of reference to be prepared by the Environment Protection Directorate, shall be presented to MEPA within 18 months from commencement of operations of the additional parking spaces being permitted*.

Illi dawn l-aggravji ser jigu trattati skond is-segwenti:
L-Ewwel Aggravju:
Illi permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti jaghmlu referenza ghall-Avviz Legali 478 tal-2010 li traspona d-Direttiva 2008/50/EC tal-Palament Ewopej u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2008 u jinnotaw li minn dan l-Avviz Legali jirrizulta li huwa l-obbligu ta’ l-Awtorita’ bhala rapprezentanta tal-iStat li twettaq u zzomm stharrig dwar il-kwalita’ ta’ l-arja, liema obbligu m’ghandux jig trasferit fuq individwi jew kumpaniji privati.
Illi fl-ewwel lok, u b’referenza ghall-inkartament tal-applikazzjoni, dan it-Tribunal seta’ jikkonstata li l-kundizzjoni kontestata mill-appellanti giet imposta mill-Awtorita’ tal-Ippjanar wara konsultazzjoni mal-*Environment Protection Directorate* li dak iz-zmien kien jifforma parti mill-MEPA, u li llum jaqa’ taht il-kappa tal-Awtorita’ ghall-Ambjent u r-Rizorsi. Illi jirrizulta li wara li l-EPD talab lill-applikant jikkwantifika z-zieda li kien ser ikun hemm fittraffiku bil-progett propost, gie sottomess *Traffic Impact Statement* ikkummissjonat millapplikant li juri li z-zieda fl-ispazji ghall-parkegg ser twassal ghal AADT (*annual averaged daily traffic*) ta’ 1859. F’dan ir-rigward intalab li jsir studju dwar il-kwalita’ ta’ l-arja skont *Terms of Reference* mahruga mill-EPD [Minuta 51 fl-inkartament tal-PA1977/15] stess, liema studju thalla bhala materja ta’ rizerva sabiex jekk ikun hemm bzonn jittiehdu l-mizuri ta’ mitigazzjoni necessarji. [Dok. 94 fl-inkartament tal-PA1977/15]
Illi fir-risposta taghha ghal dan l-aggravju, l-Awtorita’ tal-Ippjanar tinnota li l-Avviz Legali 478/2010 kwotat mill-appellanti ma jispecifikax li l-Awtorita’ nnifisha, fil-kuntest ta’ applikazzjoni ghall-izvilupp, hija obbligata li twettaq *surveys* dwar il-kwalita’ ta’ l-arja. Illi rresponsabilita’ tal-Awtorita’ hija li tevalwa l-kwalita’ ta’ l-arja, tassigura l-estattezza tal-kejl, taghmel analizi ta’ metodi ta’ valutazzjoni, u tikkoordina programmi ta’ assigurazzjoni talkwalita’ mal-komunita’ kollha organizzati mill-Kummissjoni Ewropea. Jinghad li fl-ezercizzju ta’ dawn l-obbligi generali, l-Awtorita’ ghandha d-diskrezzjoni li tiehu l-mizuri necessarji sabiex tassigura li ebda persuna ma tikkawza hsara jew detriment ghall-kwalita’ tal-arja. B’rabta ma’ dan, l-Awtorita’ ghall-Ambjent u r-Rizorsi tinnota li l-obbligu taghha hu li taghmel monitoragg kif diga taghmel permezz tal-operat ta’ *network* fiss. Madanakollu, u b’referenza ghal Regolament 19 tal-Avviz Legali 478 tal-2010 , l-Awtorita’ tinnota li ghandha l-obbligu wkoll li tassigura li l-valur ta’ limitu kif stabbilit fi skeda 7 tal-Avviz Legali huma mharsa u dan jista’ jigi accertat biss b’monitoragg fuq is-sit.

Illi t-Tribunal jirreferi ghar-Regolament 19 tal-Avviz Legali 478 tal-2010 li jipprovdi ssegwenti:
*L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu kull azzjoni li fil-ġudizzju tagħha tkun neċessarja, skond is-setgħat mogħtija lilha taħt l-Att, biex tiżgura li l-livelli tas-sustanzi inkwinanti fi gruppi A u B ma jkunux ogħla mill-valuri limitu jew il-valuri mira preskritti mis-sezzjonijiet rilevanti ta’ Skeda 7 li tinsab ma dawn ir-regolamenti, f’dawk iż-żoni u l-agglomerati li fihom il-livelli ta’ dawn is-sustanzi inkwinanti huma iktar baxxi mill-valuri limitu jew mill-valuri miri applikkabbli.*

Illi b’referenza ghal dan, l-Awtorita’ ghall-Ambjent u r-Rizorsi tinnota illi snin ta’ monitoragg juri li gia tezisti kwistjoni tal-kwalita’ ta’ l-arja fiz-zona ta’ madwar is-sit odjern u ghalhekk lAwtorita’ ezercitat id-dritt taghha taht Regolament 19 u talbet ghal studju dwar il-kwalita’ ta’ l-arja sabiex jigi assigurat li z-zieda fil-parkegg ma jkollux impatt negattiv fuq issitwazzjoni tal-kwalita’ ta’ l-arja. Illi waqt ix-xhieda guramentata tieghu tad-9 ta’ Marzu tal-2017, l-ufficjal tal-ERA Mark Scerri jispjega li l-kejl tal-“*Passive Refusion Cubes* [sic]” fi Triq Sant’ Anna juru li l-livelli tad-Dossidi tal-Ozzotu huma gia pjuttost gholjin, filwaqt li jispejga li l-istudju huwa necessarju sabiex jigi analizzat l-impatt tal-progett halli jekk ikun hemm impatt fuq il-livelli fosthom tal-PM10 jintalbu li jsiru xi modifikazzjonijiet.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, dak li talbet l-EPD (illum l-ERA) jaqa' taht il-parametri tarRegolament 19 surreferit tenut li hadet azzjoni li dehrilha li kienet necessarja sabiex tizgura li l-valuri limiti ta' *pollutants* kif preskritti fl-iskeda 7 ta' l-istess Avviz Legali 478/10 ma jinqabzux bl-effett tal-progett odjern. Illi l-Artikolu 69(3) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, li kien applikabbli fiz-zmien li giet intavolata u deciza l-applikazzjoni odjerna, propju jaghti ssetgha lill-Awtorita' li "*tagħti jew li tirrifjuta liċenza jew permess għall-iżvilupp, u fl-għoti ta' dik il-liċenza jew permess l-Awtorità jkollha jedd timponi kull kondizzjoni li jidhrilha xierqa*" u filfatt, b'rabta ma' dan, l-Avviz Legali 478 tal-2010 ikompli jaghti s-setgha lill-Awtorita' tohrog dokumenti gwida fuq kif ghandhom isiru dawn l-istudji relatati mal-kwalita' tal-arja, u dan abbazi ta' Regolament 29 tal-istess Avviz Legali. Illi kien ghalhekk, u b'referenza ghal dan ir-Regolament, li l-Awtorita' provdiet lill-applikant b'*Terms of Reference* [Dok. 195A fl-inkartament tal-PA1977/15] dettaljati ta' kif ghandu jsir l-istudju. Illi dan kollu jinferixxi li l-Awtorita' ghandha d-dritt li tobbliga lillhaddiehor bi kwalunkwe kundizzjoni li jidhrilha xierqa, izda min-naha l-ohra, l-appellanti naqsu milli jispecifikaw taht liema provvedimenti tal-Avviz Legali l-Awtorita' naqset flobbligi taghha.

Illi huwa minnu li, skont Regolament 3 tal-Avviz Legali 478/10, l-Awtorita' ghall-Ambjent u rRizorsi, li llum saret Awtorita' ndipendenti minn dik ta' l-Ippjanar, ghandha s-segwenti responsabilitajiet:
*a)għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja;*
*b)li tiżgura l-esattezza tal-kejl;*
*ċ) għall-analisi tal-metodi ta' valutazzjoni; u*
d) għall-koordinament ta' programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità mifruxa madwar il-Kommunità u organizzata mill-Kummissjoni Ewropea.

Illi dawn huma obbligi generali, u kif jirrizula anke mir-risposta tal-ERA, l-Awtorita' gia taghmel monitoragg permezz tal-operat ta' numru ta' *networks* fissi madwar Malta u Ghawdex. Pero', u kif innutat supra, fl-ezercizzju ta' dawn l-obbligi generali l-istess Avviz Legali jaghti d-diskrezzjoni lill-Awtorita' li tiehu l-mizuri necessarji sabiex tassigura li ebda persuna ma tikkawza hsara jew detriment ghall-kwalita' tal-arja. Ghalhekk, fil-kuntest ta' applikazzjonijiet ghall-izvilupp, hija r-responsabilita' ta' l-applikant li jbassar l-effetti talprogett tieghu fuq is-sit specifiku tieghu.
Fid-dawl ta' dan, u meta jqis li fl-inhawi mmedjati ha jizdied il-moviment tal-vetturi gialadarba l-*car park* innifsu ser jattratta iktar karozzi fl-immedjat tas-sit, it-Tribunal hu talfehma li l-Awtorita' kienet korretta li timponi tali kundizzjoni u tistrieh fuq parir ta' konsulenti li wara kollox huma responsabbli ghall-harsien tal-ambjent. Barra minn hekk, itTribunal jinnota li fil-mori ta' dan l-appell, l-appellanti ssottomettew kopja tar-rapport intitolat '*Traffic & Air Quality Desktop Study for Potential Traffic Arrangements*' mhejji minn AIS Environment Limited u datat 13 ta' Lulju 2020. Illi dan ir-rapport jipprezenta rizultati ta' *desktop exercise* li sar wara li l-permess odjern talab li jsir studju addizzjonali kif rikjest mill-ERA sabiex tigi evalwata l-possibilita' ghad-devjazzjoni tal-fluss tat-traffiku lil hinn minn Triq Sant'Anna b'numru ta' mizuri. Illi r-rapport jikkonkludi li l-*baseline* (*donothing scenario*) juri li n-numru ta' *car park patrons* jilhaq il-quccata fix-xahar ta' Dicembru, filwaqt li traffiku diehel lejn il-car park huwa koncentrat madwar it-tmienja ta' filghodu b'madwar erba' karozzi kull minuta filwaqt li t-traffiku hiereg huwa mifrux bejn nofsinhar u s-sitta u jilhaq il-quccata fil-hamsa ta' filghaxija b'zewg karozzi kull minuta. Irrapport ikompli billi jidentifika seba' mizuri alternattivi li gew studjati u kkomparati maxxenarju tal-*baseline* sabiex jigi evalwat il-potenzjal li jsir titjib fil-kongestjoni tat-traffiku u lkwalita' ta' l-arja lokali. Illi minn dan l-istudju gie konkluz li l-alternattivi 4, 6 u 7 huma kunsidrati prattici b'modi effettivi sabiex tittaffa l-kongestjoni tat-traffiku u titjieb il-kwalita' ta' l-arja. Dawn rispettivament jinkludu *landscaping* fil-livell terran, tabelli li jidderigu ttraffiku lejn il-punt ta' hrug fit-Tamuntana u n-Nofsinhar u PW tunnel konvertita f'punt ta' dhul addizzjonali fis-sieghat ta' filghodu (bejn is-7 u d-9) li tikkumplimenta l-SAS entrance.

Illi s-sottomissjoni ta' dan ir-rapport wehedha hija ammissjoni li l-kundizzjoni kienet qed tigi accettata b'mod tacitu mill-applikant. Ghalkemm ma kien l-ebda ezitu li gie mgharraf lil dan it-Tribunal, mill-verbal sussegwenti tal-14 ta' Settembru 2021 jidher li wara tali sottomissjoni kienu ghaddejjin xi diskussjonijiet mal-ERA, fejn zewg proposti li gew diskussi mal-istess ERA kellhom jitwettqu sa l-ahhar t'Ottubru 2021 u proposta ohra kellha titwettaq sa l-ahhar tas-sena 2021. Illi waqt is-seduta tat-8 ta' Frar tal-2022, l-appellanti nfurmaw litTribunal li ghad hemm xoghol ta' *landscaping* li ghadu ma tlestiex minn dak li kien miftiehem tul id-diskussjonijiet mal-ERA.
Ghalhekk, u fl-isfond ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, it-Tribunal qieghed jichad lewwel aggravju.

It-Tieni Aggravju:
Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellanti jargumentaw li t-*Terms of Reference* mahruga mill-Awtorita' fit-23 t'Ottubru tal-2015 injoraw kwitsjonijiet fattwali li jirrelataw malapplikazzjoni tal-izvilupp u z-zona tal-madwar, u dan ghaliex l-izvilupp odjern m'huwiex ser izid fin-numru ta' karozzi izda l-immanniggjar ahjar tas-sitwazzjoni ezistenti. Jinghad li, ghalhekk, l-izvilupp m'huwiex ser izid l-effett fuq il-kwalita' ta' l-arja izda jtejjeb dan tenut li l-vizitaturi jkunu jistghu isibu spazju ghall-parkegg b'mod immedjat.
Illi t-Tribunal jibda billi jinnota li meta wiehed iqabbel il-pjanti ezistenti [Dok. 1E sa 1i fl-inkartament tal-PA1977/15] u dawk proposti [Dok. 121C, 139A, 157A, 182A fl-inkartament tal-PA1977/15], li eventwalment gew approvati mill-Awtorita', jirrizulta li ser ikun hemm zieda fin-numru ta' spazji ghall-parkegg b'total ta' madwar 376. Illi z-zieda fil-parkegg tohrog cara wkoll mit*Traffic Impact Statement* li kien ikkummissjonat mill-applikant stess u sottomess flinkartament tal-applikazzjoni *a fol* 42B, C u D. Illi fl-affidavit guramentat tieghu, l-ufficjal tal-ERA Mark Scerri jispjega li dak iz-zmien, l-EPD (illum ERA), kienet talbet lill-applikant jikkwantifika z-zieda li kien ser ikun hemm fit-traffiku bil-progett propost, u b'risposta ghal dan, l-EPD kien inghata dan l-studju dwar l-impatt tat-traffiku ikkummissjonat millapplikant. Huwa jispjega li t-*treshold* ta' 1000 AADT (*annual averaged daily traffic*) kien qed jinqabez bil-progett, liema *threshold* jintuza bhala filtru sabiex jigu sseparati l-progetti li jaf ikollhom effett sinifikattiv fuq l-ambjent u dawk li huma izghar. Illi t-Tribunal jinnota li, firrisposta ta' konsultazzjoni *a fol* 51B, l-EPD nnutat li "*Submissions of the 23 February 2015 establish a weekday morning AADT of 1859. In this regard, an air quality study is being requested as per annexed TORs.*" Illi ghalhekk dak li gie konsidrat fit-*Terms of Reference* prezentati mill-EPD kien propju din il-qabza fl-*annual averaged daily traffic,* u fl-isfond ta' din l-informazzjoni li giet prodotta mill-applikant stess, dan it-Tribunal ma jistax jaqbel malappellanti li l-izvilupp odjern m'huwiex ser izid fin-numru ta' karozzi. Illi, jekk xejn, huwa logiku li *car park* ta' dan il-qies fejn ser jizdiedu n-numru ta' parkeggi fuq is-sit, ser jattratta numru ikbar ta' karozzi f'din iz-zona specifika anki jekk it-tqassim propost ser itejjeb limmanniggjar tas-sitwazzjoni prezenti kif qed jallegaw l-appellanti. Illi huwa rrelevanti largument li ser jitnaqqsu l-karozzi minn postijiet ohra f'din iz-zona aktar wiesgha tal-Belt u l-Furjanat, u dan ghaliex l-istharrig dwar il-kwalita' ta' l-arja li jinteressa lill-Awtorita' huwa dak li ser jeffettwa b'mod dirett l-inhawi mmedjati ta' l-izvilupp propost.
Gialadarba qed tinqabez it-*treshold* ta' 1000 AADT hija biss suppozizzjoni da parti ta' lappellanti li l-izvilupp m'huwiex ser izid l-effett fuq il-kwalita' ta' l-arja, u sta ghall-istudju mpost mill-EPD li propju jiddetermina dan. Ghalhekk lanqas hu fondat l-argument talappellanti meta jsostnu li s-sorsi varji ta' tniggis ta' l-arja fil-vicinanzi tas-sit ser irendu kwalunkwe studju inaffidabbli, u dan ghaliex kif jispjega l-ufficjal Mark Scerri fl-affidavit guramentat tieghu, l-istudju ghall-kwalita' tal-arja ma jittrattax is-suggett tal-kwalita' talarja fil-prezent, izda jitlob lill-izviluppatur ibassar l-effetti tal-progett tieghu.
Illi filfatt, l-istudju prezentat mill-appellanti fil-mori ta' dan l-appell jidentifika seba' mizuri alternattivi li gew studjati u kkomparati max-xenarju tal-*baseline* sabiex jigi evalwat ilpotenzjal li jsir titjib fil-kongestjoni tat-traffiku u l-kwalita' ta' l-arja lokali. Illi minn dan listudju gie konkluz li l-alternattivi li jinkludu *landscaping* fil-livell terran, kif innutat millappellanti f'dan l-aggravju, tabelli li jidderigu t-traffiku lejn il-punt ta' hrug fit-Tamuntana u n-Nofsinhar u PW

tunnel konvertita f'punt ta' dhul addizzjonali fis-sieghat ta' filghodu (bejn is-7 u d-9) li tikkumplimenta l-SAS entrance, huma alternattivi prattici li jipprovdu modi effettivi sabiex tittaffa l-kongestjoni tat-traffiku u titjieb il-kwalita' ta' l-arja. Illi ghalkemm, kif spjegat fl-aggravju precedenti, dan it-Tribunal m'huwiex infurmat bil-pozizzjoni tal-ERA fil-konfront ta' dan l-istudju, jidher li qed jittiehdu passi pozittivi sabiex dak impost fl-ewwel kundizzjoni tal-permess jigi attwat.
Fl-isfond ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal qieghed jichad it-tieni aggravju mressaq mill-appellanti.

It-Tielet Aggravju:
Illi permezz tat-tielet aggravju, l-appellanti jargumentaw li zviluppi ohra fil-vicinanzi tas-sit odjern, u li huma sorsi serji ta' tniggis ta' l-arja, gew ezentati minn tali stharrig tal-kwalita' ta' l-arja u f'dan ir-rigward jaghmlu referenza ghall-*car park* tal-pitch tal-Furjana u l-*cruise liner terminals*.
Illi t-Tribunal huwa fi qbil mal-Awtorita' li wiehed ma jistax jipprova jqabbel dawn il-kazijiet ma' dak odjern sabiex jaghmel l-argument tieghu dwar l-impozizzjoni mhux gustifikata talkundizzjoni mposta mill-Awtorita' ghal stharrig dwar it-tniggis ta' l-arja. Illi fl-ewwel lok, anki jekk inhu l-kaz li l-Gvern ta xi permess ghall-parkegg ta' karozzi fil-*football pitch* talFurjana, kif qed jallegaw l-appellant, dan ma jirrizultax minn permess ta' l-izvilupp hekk kif mahrug mill-Awtorita', u ghalhekk l-istess Awtorita' ma setghet qatt timponi l-istess kundizzjoni li kieku dan l-izvilupp imsemmi kien qed jaccedi t-*tresholds* tal-AADT bl-istess mod li qed jaccedi l-izvilupp odjern. Illi dak li seta' jikkonstata dan it-Tribunal huwa biss Avviz ta' Nfurzar li ghadu attiv, *ossia* EC362/11, ghal zvilupp li jikkonsisti f-uzu tas-sit ghallparkegg ta' vetturi minghajr permess.
Illi b'referenza ghaz-zona tal-*cruise liner terminals,* l-Awtorita' taghmel referenza ghal permess li inghata fit-13 ta' Mejju tal-2004. Ghalkemm dan it-Tribunal ma setghax jittracca r-referenza ghal dan il-permess, it-Tribunal seta' jikkonstata permess iehor, PA 170/01, relatat mal-*cruise liner terminal* li kien jitratta "*Amended application for the development permission for the construction of a cruise passenger ferry passenger terminal and related commercial facilities. Application includes construction of a marina, re-location of access road to behind stores, and construction of a third party accomodation building*" u liema permess inhareg fis-26 t'April 2001. Madanakollu, it-Tribunal m'ghandu quddiemu l-ebda prova ta' permess li nhareg wara d-dhul fis-sehh ta' l-Avviz Legali 478 tal-2010, liema Regolamenti trasponew id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa. Ghalhekk, jirrizulta li l-Awtorita' ma kellhiex l-istess obbligi tal-lum fiz-zmien li nhareg permess ghall-*cruise liner terminal.*
Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jichad it-tielet aggravju.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, u wara li t-Tribunal ha konjizzjoni tal-fatti speci kollha tal-kaz, dan itTribunal qieghed jichad l-appell, u jikkonferma l-ewwel kundizzjoni tal-permess PA 1977/15 kif mposta mill-Awtorita'.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Il-kundizzjoni imposta mill-Awtorita hi ultra vires billi tmur kontra l-ligi Ewropea u dik domestika. Issostni illi LN 478/2020 li ittrasportat d-direttiva Ewropea 2008/50 rigward arja aktar nadifa fl-Istat, titfa' r-responsabilta fuq l-Awtoritajiet li jaghmlu u jmantnu 'base line air quality surveys'. It-Tribunal zbalja meta qies li tali dmir seta' jigi impost fuq individwi u aktar meta kkunsidra dikjarazzjonijiet bla pregudizzju bejn il-

partijiet fuq soluzzjonijiet prattici kontra tniggis kien jikkostitwixxi ammissjoni da parti tal-appellant;

2. Il-kondizzjoni hi irragonevoli meta tqis li s-socjeta appellanti qed tipprovdi spazji ghal min irid jidhol il-Belt. Iz-zieda fit-traffiku ma nholoqx mis-socjeta appellanti u qed tigi mghobbija b'responsabilta ghax qed tigi akkuzata li qed tohlog tingis;

3. Il-kondizzjoni hi diskriminatorja peress li fl-akkwati hemm sorsi ohra ta' tingis bhal cruise ferry terminal u parking areas privati fuq art pubblika u privata u l-Awtorita tiskarta r-responsabilta li tenforza l-obbligi taghha fuq dawn il-persuni jew entitajiet ukoll.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju ma fihx mis-sewwa. Fl-ewwel lok l-Awtorita ghandha s-setgha li timponi kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa marbutin ma' permess ta' zvilupp [artikolu 69(3)] tal-Kap. 504 kif kien fiz-zmien tal-permess. Regolament 3 tal-A.L. 478/10 (L.S. 504.11) jimponi fuq l-ERA kif inhi llum, obbligu ghal valutazzjoni tal-kwalita tal-arja, l-ezattezza tal-kejl u ghal analizi tal-metodu ta' valutazzjoni. Kif qal it-Tribunal dawn huma obbligi generali ta' monitoragg ghal gzejjer Maltin pero r-regolament 19 imbaghad jaghti lill-Awtorita kompetenti s-setgha li tiehu kull azzjoni necessarja biex tizgura li livelli ta' sustanzi inkwinanti bhal ma jidher jista' jiggenera l-izvilupp in kwistjoni ma jkunx oghla mill-limitu jew valuri preskritti fl-istess regolament. Ghalhekk la darba l-izvilupp propost li jidher mill-istess appellant ser jiggenera traffiku lil hinn mill-limitu fejn ma jinnecessitax ebda studju, ghandu jitghabba l-istess appellant biex iressaq studju necessarju dwar l-impatt fuq il-kwalita tal-arja biex jigi assigurat li s-sitwazzjoni ma tkunx jew issir aghar u jittiehdu mizuri ta' modifika ghal kull impatt negattiv li jista' jirrizulta. In kwantu ghall-kumment tat-Tribunal dwar l-ammissjoni implicita tal-applikant meta kien qieghed f'diskussjoni mal-Awtoritajiet dwar mizuri mitiganti wara li ressaq rapport ta' espert hu stess, hu minnu li ma jistax jinghad li hemm ammissjoni pero daqstant iehor tali konsiderazzjoni kienet irrelevanti ghal mertu tal-aggravju.

L-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Dan mhux aggravju siewi. Jekk zvilupp simili kien jehtieg studju dwar l-impatt fuq l-arja f'zona li hi sensitiva ghal peggjorament tal-kwalita tal-arja, tali kondizzjoni ma tistax titqies irragonevoli. Hu minnu li l-applikant qed jipprovdi servizz ghal min irid jidhol il-Belt u ma ghandux kontroll fuq zieda fit-traffiku pero daqstant iehor l-izvilupp mhux intiz bhala att ta' beneficenza izda zvilupp li mistenni jiggenera qligh. Ghalhekk ma hemm xejn irragonevoli li l-Awtorita responsabbli tiehu dawk il-mizuri kollha biex tassikura li l-izvilupp ikun ta' livell li ma jaghmilx hsara skont il-limiti imposti mir-regolament Ewropew.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju wkoll hu bla siwi. Hu minnu illi jekk hemm parkeggi ohra bla licenzja jew permess, jittiehdu passi kontrihom kif l-Awtorita tal-Ippjanar hi fl-obbligu li taghmel b'mod konkret mhux semplicement fuq il-karta biss. Pero dan ma jfissirx li zvilupp bhal dan in kwistjoni ghandu jkun hieles minn kull obbligu ta' sigurezza u safejn possibli nuqqas ta' tingis. Ma ngiebet ebda prova li parkeggi ohra tal-istess kobor fl-istess zona ta' zvilupp inghataw permess bla kundizzjoni bhal dik imposta fuq l-applikant. Anki r-referenza ghal cruise liners u l-impatt fuq it-tniggiz tal-arja ma ghandux rilevanza kemm ghaliex mhux l-istess tip ta' zvilupp u kemm ghaliex il-permessi ghal cruise liner terminals inhargu qabel id-dhul fis-sehh tar-regolamenti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' MCP Company Limited u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-24 ta' Ottubru 2023, bl-ispejjez kontra l-appellanta.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur